MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 173/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**William Ambrogio
u
martu Maria Ambrogio**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti 'in solidum' bejniethom li jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u disgha u hamsin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (LM2,859.68), rapprezentanti somma dovuta mill-konvenuti b'mod solidanli bejniethom bhala bilanc ta'**

**debitu ta' kont kurrenti numru 10673930014 (Dok. A.), u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-21 ta' Dicembru tas-sena 2003.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti 'in solidum' inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenuti 'in solidum' b'effett mill-31 ta' Dicembru tas-sena 2003 sad-data tal-hlas effettiv; bis-subizzjoni tal-konvenuti.**

**Rat in-nota datata 18 ta' Jannar tas-sena 2005 li biha s-socjeta' attrici rriduciet l-ammont mitlub fl-avviz ghal elf hames mija disgha u hamsin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (LM1559.68,00,0) stante pagament fil-mori tal-kawza oltre l-ispejjez u l-imghax b'effett mill-31 ta' Dicembru tas-sena 2003 kif mitluba fl-avviz;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-18 ta' Jannar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti skond il-ligi.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------